**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 6 ta’ Ottubru 2015**

**Rikors Numru. 133/2013**

**Louis Camilleri**

**Vs**

**Awtorita` Ghat-Trasport f’Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Louis Camilleri** fid-29 ta’ Lulju 2013 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*“Illi r-rikorrent qieghed jintavola l-appell odjern mid-decizjoni tal-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta tad-9 ta’ Lulju 2013 fejn l-Awtorita` intimata ddecidiet li l-vettura tal-marka Lancia Delta Integrale proprjeta` tar-rikorrent ghandha tigi intaxxata ai fini ta’ registrazzjoni fuq il-valur kurrenti taghha ta’ hmistax-il elf, tliet mija u hamsin ewro (€15,350.00), li jfisser li t-taxxa ghar-registrazzjoni tal-vettura tkun tammonta ghal ghoxrin elf, mija u tlieta u erbghin ewro (€20,143.00) oltre licenzja annwali ta’ elf u mitt ewro (€1,100.00). Kopja tad-decizjoni tal-Awtorita` intimata hija annessa mar-rikors odjern u mmarkata Dok LC1.*

*Illi in sostenn tad-decizjoni taghha, l-Awtorita` intimata ghamlet riferenza ghall-Artikolu 9(2) tal-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta’ Vetturi bil-Mutur, Kap. 368 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jipprovdi li –*

*(2) Il-valur ta' registrazzjoni ta' vettura bil-mutur uzata fil-kategorija M1, motor cycle, quad bike, kwadricikletta jew vettura classic, vintage jew veteran importata jew migjuba f'Malta ghandu jitqies li jkun il-medja tal-valur tas-suq ta' vetturi bil-mutur identici, ekwivalenti jew simili fis-suq Malti, u dak il-valur ghandu jigi kalkolat billi jigi deprezzat il-valur tal-fattura tal-manifattur kif ukoll, meta jkun japplika, l-assigurazzjoni u l-garr ta' dik il-vettura importata jew migjuba f'Malta bhala gdida jew manifatturata f'Malta hekk kif ikun il-valur fis-suq Malti prezenti:*

*Izda l-valur fis-suq Malti prezenti ghandu jigi determinat filwaqt li tigi mposta t-taxxa fuq il-vettura bil-mutur:*

*Illi r-rikorrent ihossu aggravat minn din id-decizjoni u ghaldaqstant qieghed jinterponi umli appell mill-istess.*

*Illi l-aggravji tar-rikorrent huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti-*

1. *Illi minn kmieni fis-sena 2000, b'rizultat ta' azzjonijiet amministrattivi ezegwiti kontra r-rikorrent, huwa tpogga` fl-impossibbilta` fizika u materjali li jeffettwa r-registrazzjoni tal-vettura ghal fuq ismu gewwa Malta mal-Awtorita` intimata.*

2. *Illi l-azzjonijiet amministrattivi ezegwiti fissru mhux biss id-detenzjoni tal-vettura izda wkoll id-detenzjoni tad-dokumentazzjoni kollha necessarja relatata mal-vettura kif ukoll il-pjanci ta' registrazzjoni.*

3. *Illi anke meta r-rikorrent gie liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-Pulizija minkejja li rrilaxxat il-vettura, rrifjutat li tirrilaxxa d-dokumentazzjoni relattiva ma' din il-vettura u l-pjanci ta' registrazzjoni.*

***Illi l-fatt relevanti huma s-segwenti:***

*F'Mejju tas-sena 1998, ir-rikorrent kien xtara minn persuna ta' nazzjonalita` Taljana vettura tal-marka Lancia Delta Integrale bin-numru ta' registrazzjoni Taljan NAZ 78941. F'dak iz-zmien huwa zamm il-vettura f'garaxx privat gewwa Malta sakemm ikkonkluda l-inkartament necessarju u kien f'pozizzjoni jeffettwa r-registrazzjoni tal-vettura fuq ismu gewwa Malta.*

*Qabel ma kellu l-opportunita` jirregistra l-vettura fuq ismu, f'Mejju tas-sena 2000 il-vettura giet mehuda mill-Pulizija Ezekuttiva flimkien mad-dokumentazzjoni u pjanci relattivi u gew istitwiti proceduri kriminali kontra r-rikorrent.*

*Permezz tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Gunju 2007, il-Qorti kienet illiberat lir-rikorrent mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.[i] Kopja tad-decizjoni hija annessa mar-rikors odjern u mmarkata Dok LC2.*

*Wara li gie liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu, il-Pulizija minkejja li rrilaxxat il-vettura in kwistjoni, rrifjutat minghajr ebda raguni valida skont il-ligi, li tirrilaxxa d-*

*dokumentazzjoni kollha relatata mal-vettura, senjatament il-log book , kif ukoll il-pjanci tal-istess vettura.*

*Ir-rikorrent dam kwazi sitt (6) snin jikkustinja mal-Pulizija u jitlob li jinghata lura dak li kien dritt tieghu u jirrizulta li l-Pulizija ma effettwatx dan ir-rilaxx mitlub qabel is-26 ta' April 2013.*

*B'konsegwenza ta' dan in-nuqqas ta' rilaxx, l-istess rikorrent ma kienx f'pozizzjoni li jeffettwa t-transfer tal-istess vettura ghal fuq ismu, liema transfer huwa f'pozizzjoni li jeffettwah illum, biss l-Awtorità intimata llum qiegħda ssostni li minkejja l-impossibbilita` fiżika u materjali li huwa jeffettwa t-transfer tal-imsemmija vettura fis-sena 2000, hija qiegħda tinsisti li tikkonsidra l-valur tal-vettura llum bħala bażi fuq liema tikkomputa t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta, apparti li qiegħda tinsisti fuq il-ħlas tal-liċenzja għal kull sena.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, ir-rikorrent umilment jitlob lil dan it-Tribunal jogħġbu –*

1. *Jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta intimata tad-9 ta' Lulju 2013 fejn iddeċidiet li tibbaża l-komputazzjoni tat-taxxa ta' reġistrazzjoni għall-vettura tal-marka Lancia Delta Integrale fuq il-valur tagħha llum minflok il-valur tagħha fis-sena 2000 u li titlob li titħallas retroattivament il-liċenzja tat-triq ammontanti għal elf u mitt ewro (€1,100.00) fis-sena;*

2. *Jiddetermina l-valur tal-vettura tal-marka Lancia Delta Integrale fis-sena 2000 bħala l-valur li fuqu għandha tiġi komputata t-taxxa ta' reġistrazzjoni li għandha titħallas mir-rikorrent;*

3. *Jiddikjara li l-liċenzja tat-triq fl-ammont ta' elf u mitt euro (€1,100.00) fis-sena għandha tiġi mitluba mill-Awtorità intimata mid-data tar-reġistrazzjoni effettiva tal-vettura tal-marka Lancia Delta Integrale u li ma hemm l-ebda multi jew penali retroattivi u sal-lum x'jitħallsu minħabba n-nuqqas ta' reġistrazzjoni."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fil-21 ta' Awissu 2013 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

1. *"Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent kontra l-Awtorita` rispondenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-impossibilita` fizika u materjali li r-rikorrent sab ruhu fiha biex jeffettwa r-registrazzjoni fuq ismu tal-vettura de quo agitur bl-ebda mod m'hi imputabbli lill-Awtorita` rispondenti u r-rikorrent ma jistax jippretendi xejn mill-Awtorita` rispondenti ghajr illi tapplika l-ligi u r-regolamenti vigenti, kif fil-fatt ghamlet skrupolozament u korrettement. L-Awtorita` rispondenti kienet tonqos mid-dmirijiet u r-responsabbiltajiet taghha kieku ghamlet altrimenti kif qed jippretendi li kellha taghmel ir-rikorrent.*

2. *Illi bl-istess mod anke dan l-Onorabbli Tribunal b'kull rispett ma jista' jaghmel xejn ghajr li japplika l-ligi u r-regolamenti kif inhuma u ghalhekk dan l-appell ma jista' qatt jirnexxi ghaliex biex dan l-appell jigi akkolt dan l-Onorabbli Tribunal huwa kostrett li jaghti ordni lill-Awtorita` intimata sabiex tonqos milli*

*tapplika l-ligi u r-regolamenti kif stipulati, xi haga li naturalment ma tistax tigi ordnata. Dan anke fuq l-iskorta tal-principju enuncjati minn dan l-Onorabbli Tribunal fil-proceduri fl-ismijiet Charles Mercieca vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta (Avviz numru 5/2010) deciz fid-29 ta' Mejju 2012.*

3. *Illi ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, korretta u ghandha tigi kkonfermata.*

4. *Illi effettivament il-lamenteli tar-rikorrent huma konsistentement indirizzati fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija li, skont ir-rikorrent (u din il-kwistjoni hija res inter alios acta bejn ir-rikorrent u l-imsemmi Kummissarju tal-Pulizija u bl-ebda mod ma tidhol fiha l-Awtorita` intimata) "minkejja li rrilaxxjat il-vettura in kwistjoni rrifjutat minghajr ebda raguni valida skont il-ligi li tirrilaxxja d-dokumentazzjoni kollha relatata mal-vettura". Kwindi dan l-appell ma jistax hlief jigi michud b'riserva ta' kull dritt li r-rikorrent jista' jkollu fil-konfront ta' terzi si et quatenus."*

Sema' x-xhieda tas-Supretendent Paul Vassallo,[1] ta' Gilbert Agius,[2] ta' Brian Farrugia,[3] tar-rikorrent,[4] u tal-Ispettur Anthony Agius.[5]

Ra l-affidavit tar-rikorrent u d-dokumenti annessi mieghu;[6]

Ra l-atti l-ohra kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

## IKKUNSIDRA:

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 9 ta' Lulju 2013 fejn gie infurmat bis-segwenti:-

*"Further to your correspondence sent to Transport Malta, and to our letter dated 5th December 2012, we have once again reviewed all the relevant documents.*

***Lancia Delta Integrale***

*According to our records, this vehicle was imported in 1993 by an Italian and then sold to you in 1998. The previous Italian owner together with yourself paid customs and duty on the 28th October 1998, and you claim to have been informed by the Customs*

[1] A fol. 66 sa 69, a fol. 99 sa 102 u a fol. 134 sa 139
[2] A fol. 69A sa 69H u a fol. 77A sa 77G
[3] A fol. 103 sa 10 u a. fol. 174 sa 184
[4] A fol. 145 u a fol. 162 sa 178
[5] A fol. 155 sa 159
[6] A fol. 79 sa 92

*Department to go to the Licensing Department to pay the registration tax. It is not clear to Transport Malta why you did not register and licence the vehicle at this point.*

*On the 8th May 2000, the vehicle was seized by the Police, which you claim was released eight years later, but without the number plates and log book. We understand that a copy of the documents was provided to you by the Police on the 26th April 2013.*

*As we had explained in our letter dated 5th December 2012, Article 9 (2) of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act requires the vehicle to be taxed at the value established at the point it is presented for registration, and although you claim to have not been able to present the vehicle after the vehicle was seized due to missing documents, this is extraneous to Transport Malta, and you should have taken it up with the Police if they had in fact lost the documentation. Furthermore, we still do not accept the fact that the vehicle was not registered when it was brought by you in 1998.*

*Therefore you are once again reminded that this vehicle must be registered in accordance with the Registration and Licensing of Vehicles Act at today's registration value of €15,350, on which the tax amounts to €20,143, besides the licence fee of €1,100 every year. This vehicle is considered to be a rare vehicle, and chances are that the value will increase over time and not decrease like other vehicles.*

*As a sign of goodwill from Transport Malta's end, and in order to facilitate as much as possible for you to register this vehicle, Transport Malta will not be levying the daily penalty of €30 that should have been imposed since the 4th June 2012 (date of validity of permit) amounting to €3,750, provided that this vehicle is registered within 20 days from the date of this registered letter. Failure to comply will leave us no option but to impound this vehicle until you regularize your position, without prejudice to our right to dispose of it in accordance with the Motor Vehicle Registration and Licensing Act, CAP 368."*

**Ir-rikorrent** stqarr illi huwa kien xtara l-vettura in kwistjoni fit-28 ta' Ottubru 1998 u hallas it-taxxa tad-dwana fuqha pero` sakemm gie biex jirregistraha kellu accident tat-traffiku u ma setghax jikkonkludi r-registrazzjoni peress li dan jinkludi test tal-VRT, fost ragunijiet ohra. Illi appena saru t-tiswijiet necessarji, l-istess vettura, flimkien ma' vetturi ohra tar-rikorrent, gew sekwestrati mill-Pulizija. Dan sehh fit-13 ta' Frar 2000 u sentejn wara inbdew proceduri kriminali fil-konfront tieghu, liema proceduri gew fi tmiemhom fit-28 ta' Gunju 2007. Sentejn wara, u cioe` fit-18 ta' Frar 1999, il-vettura giet rilaxxata favur ir-rikorrent, pero` minghajr il-pjanci ta' registrazzjoni originali u l-*log book* taghha originali. Jghid li fit-18 ta' Gunju 2013 it-taxxa ta' registrazzjoni giet stmata fl-ammont ta' €31,773.83 pero` sussegwentement, fid-9 ta' Lulju 2013, l-Awtorita` intimata irriduciet l-istess ammont ghal €21,243. Jghid li ghalhekk l-Awtorita` m'ghandhiex formola kif ghandu jinhadem il-valur tal-vettura ghall-ghanijiet ta' taxxa ta' registrazzjoni u li d-decizjoni taghha hija arbitrarja ghall-ahhar. Jistqarr li minn kwotazzjoni li nghata minn Laferla Insurance, il-prezz fis-suq tal-vettura huwa ta' €7200.

In kontro-ezami, mistqosi x'kien li zammu milli jirregistra l-vettura bejn l-1998 u l-2000 ir-rikorrent wiegeb li hu kien se jbieghha u fit-2 ta' Novembru 1998 kienu mar max-xerrej biex jaghmel it-transfer mad-Dipartiment tad-Dwana u waqt li kien qed isuqha biex jiggaraxxjaha, fl-istess gurnata sehh l-accident. Mistoqsi jekk, minkejja l-accident, marx id-Dipartiment tal-Licenzji biex jaghmel it-*transfer* fuq ismu jew jekk mar, l-ufficjali tad-Dipartiment, qalulux li ma jistghax jaghmel transfer ghax kellu l-accident, ir-rikorrent wiegeb li ma marx u dan ghaliex huwa sostna li wiehed ma setghax imur jirregistra vettura meta kienet *total loss*. Mistoqsi x'kien zammu milli jirregistra l-istess vettura bejn Mejju 1998 u Novembru 1998 ir-rikorrent wiegeb li l-istess vettura kienet garaxxjata ghax kien ser ibieghha.

Illi **<u>s-Supretendent Paul Vassallo</u>** xehed illi ghall-habta tas-sena 2000 il-Pulizija kienu qed jinvestigaw sensiela ta' karozzi rrapurtati nieqsa fl-Ewropa. Jghid li matul dawn l-investigazzjonijiet huma ghamlu tfittxijiet u sabu l-vettura in kwisjtoni go garage f'Birkirara u wara rrizultalhom li l-istess vettura kienet giet misruqa f'Napli fl-1995. Ghalhekk din il-vettura giet sekwestrata u ttiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrent pero` l-istess rikorrent kien gie lliberat mill-akkuzi. Jghid li wara li ntemmu l-proceduri kriminali il-Pulizija irrilaxxaw il-vettura pero` l-*log book* tal-istess vettura qatt ma nstab. Jistqarr li l-pjanci wkoll ma nstabux u ghalhekk la l-*log book* u lanqas il-pjanci ma gew ritornati lir-rikorrent. Jghid li ghalkemm il-*log book* u l-pjanci ma nstabux, wiehed xorta seta' jirregistra l-istess vettura permezz tac-*chassis number*. Ix-xhud esebixxa fotokopja ta' estratt tar-Registru mizmum fil-*compound* tal-Pulizija fejn kienet mizmuma il-vettura in kwistjoni li dwaru qamet kwistjoni jekk il-vettura gietx rilaxxata fis-sena 2007 jew 2009.

**<u>L-Ispettur Anthony Agius</u>**, xehed u tella' mieghu ir-Registru originali mizmum fil-*compound* tal-Pulizija u dan sabiex tkun tista' tigi verifikata d-data murja fuq il-fotokopja a fol. 133A tal-process ta' meta suppost giet rilaxxata l-istess vettura. Illi minn dak li seta' jivverifika t-Tribunal is-sena imnizzla bl-idejn fuq l-istess Registru hija dik tal-2007. Mistoqsi mit-Tribunal jekk in-notament li hemm fl-istess Registru "18/07/2009" jirreferix ghall-istess vettura, ix-xhud wiegeb li iva u li ghalhekk il-fatt li c-cwievet taghha kienu ghadhom fil-*compound* fl-2009 jikkonfondih ftit rigward is-sena ezatt ta' meta giet rilaxxata.

**<u>Gilbert Agius</u>**, in rapprezentanza tal-Awtorita` intimata, stqarr li skond ir-rekords tal-Awtorita`, il-vettura in kwistjoni giet importata fl-1993 u sussegwentement inbieghet lir-rikorrent fl-1998. Jghid li fit-28 ta' Ottubru

1998 thallas id-dazju fuq l-istess vettura. Jghid li t-talba biex tithallas it-taxxa ta' registrazzjoni kienet saret lill-Awtorita` f'April 2013. Jghid li bhala taxxa din hija kalkolata meta l-vettura *"is brought to tax"* u li l-procedura biex l-Awtorita` tasal ghall-valur tal-vettura huwa billi l-Kumpanija CAP UK, kuntrattata mill-istess Awtorita` biex taghtiha l-valur tal-vetturi kollha wzati li gejjin mill-Unjoni Ewropeja, taghtihom il-valur ta' registrazzjoni tal-istess vettura. Jistqarr li l-valur tal-vettura u *r-registration value* taghha ma jkunux l-istess. Jghid li bhala Awtorita` huma jiehdu r-*residual value* li huwa bbazat fuq fatturi bhal kemm ghandha zmien il-vettura, kemm ghandha mili u s-sena li giet manifatturata. Jistqarr illi t-taxxa tar-registrazzjoni fl-1998 kienet ta' Lm3220 filwaqt li l-valur tal-vettura fl-2009 kien ta' €11,105 u fl-2013 kien ta' €15,350.

**Brian Farrugia**, ufficjal tal-Awtorita` intimata, stqarr li biex persuna tirregistra vettura ghandha bzonn jew il-*log book* jew ic-certifikat tal-konformita` (maghruf bhala c-COC (Certificate of Conformity). Jghid li jekk wiehed ma jkollux *number plates* huwa jista' jaghmel *affidavit* li l-pjanci mhux qeghdin fil-pussess tieghu. Jghid li r-rikorrent qatt ma pprezenta *log book* tal-vettura in kwistjoni lill-Awtorita`. Jghid li f'kaz li l-*log book* ikun intilef allura wiehed jista' jitlob il-*log book* mill-pajjiz fejn tkun inxtrat originarjament il-vettura. Jghid ukoll li jista' jintalab *export certificate* li jista' jkollu dik l-informazzjoni necessarja u l-Awtorita` tkun sodisfatta. Jispjega li kieku r-rikorrent talab il-*log book* mill-Italja, u l-Italja jergghu johorgu *log book,* l-Awtorita` kienet tkun f'posizzjoni li tirregistra l-vettura in kwistjoni. Mistoqsi in kontro-ezami jekk la darba tigi esportata vettura minn pajjiz esteru, l-informazzjoni dwar l-istess vettura ma tibqghax tinzamm wara certu zmien mill-istess pajjiz, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv.

**IKKUNSIDRA:**

Illi l-Att Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li *"L-ebda persuna ma għandu jkollha fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha xi vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet irreġistrata ma' l-Awtorità u li fuqha t-taxxa ta' reġistrazzjoni applikabbli ma tkunx tħallset sakemm - (a) dik il-persuna ma tkunx il-manifattur awtorizzat, aġent jew bejjiegħ tal-vetturi bil-mutur u li l-vettura fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha ma titħalliex wieqfa fit-triq jew ma tkunx qed tiġi użata fuq it-triq, jew (b) il-vettura tkun reġistrata f'pajjiż ieħor u tkun tista' tintuża temporanjament fit-toroq f'Malta skont l-artikolu 18."*[7]

[7] Artikolu 2A

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta kronologikament is-segwenti:-

1. Illi fit-28 ta' Ottubru 1998 ir-rikorrent hallas it-taxxa tad-Dwana fuq il-vettura in kwistjoni;[8]
2. Illi fit-18 ta' Gunju 2007 ir-rikorrent gie liberat minn diversi akkuzi, fosthom illi *"f'Mejju 1993, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` Lancia Delta, bin-numru tar-registrazzjoni NAZ78941 u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali.";*[9]
3. Fil-31 ta' Lulju 2007 ir-rikorrent kellu "*no objection*" da parti tad-Dipartiment tad-Dwana biex jirregistra l-vettura mal-Awtorita` Dwar it-Trasport. **Permezz ta' ittra datata 8 ta' Awissu 2007 ir-rikorrent gie infurmat minn Joseph Caruana, Direttur fi hdan l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta, illi r-rikorrent kellu jhallas Lm3220 bhala taxxa ta' registrazzjoni biex il-vettura tigi registrata.**[10] Madankollu t-talba tar-rikorrent lill-Awtorita` biex l-istess vettura tigi rilaxxata minghajr ma' l-ewwel tigi registrata sabiex ikun jista' jsewwiha giet sussegwentement rifjutata;[11]
4. Illi fit-18 ta' Frar 2009 ir-rikorrent, permezz tal-avukat tieghu, baghat *e-mail* lis-Supetendent Paul Vassallo jistaqsi dwar il-*log book* u l-pjanci tal-vettura.[12] Fit-13 ta' Marzu 2009, l-avukat tar-rikorrent rega' kiteb lis-Supretendent Paul Vassallo fejn tah il-verzjoni tar-rikorrent u cioe` li meta huwa hareg il-vettura mill-*compond* tal-Pulizija huwa ma nghatax la l-*log book* u lanqas il-pjanci.[13]
5. Illi permezz ta' ittra legali datata 4 ta' Ottubru 2012 ir-rikorrent talab, *inter alia,*lill-Kummissarju tal-Pulizija jirritornalu l-*log book* u l-pjanci tal-vettura in kwistjoni;[14]
6. Fit-18 ta' Gunju 2013 ir-rikorrent issottometta talba lill-Awtorita' intimata fejn talab il-valur ta' registrazzjoni tal-istess vettura li minnha jirrizulta illi l-istess valur ammonta ghal €23,678 bit-taxxa ta' registrazzjoni tkun €31,773.83;[15]
7. Illi gew ukoll pprezentati numru ta' *e-mails* mibghuta da parti tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata lill-Kumpanija CAP **fejn fit-18 ta' Gunju 2013 il-valura tal-vettura gie stmat €23,678.** Jirrizulta pero li

[8] Dok 1 a fol. 82
[9] Dok LC2 a fol. 8 sa 19
[10] Dok LC3 a fol. 112
[11] Dok 3 a fol. 84
[12] Dok LCB (i) a fol. 122
[13] Dok LCB (ii) a fol. 123
[14] Dok 4 a fol. 85 u 86
[15] Dok 5 a fol. 87

sussegwentement intbaghtet *e-mail* minghand certu Alan Warmall, rapprezentant tas-socjeta` CAP li permezz taghha informa lil Lino Abela, ufficjal tal-Awtorita` intimata, illi l-valur ta' registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni fl-2009 kien ta' €21,924. Pero` ftit minuti wara l-istess Warmall rega' baghat *e-mail* lill-istess Abela fejn infurmah li l-valur tal-2009 kien ta' €11,105 u l**-valur tal-2013 kien ta' €15,350**.[16]

8. Fl-10 ta' Jannar 2014 ir-rikorrent gie infurmat minn Laferla Insurance illi l-valur tas-suq tal-vettura kien stmat fl-ammont ta' €7200,[17] filwaqt li minn tabella esebita mir-rikorrent il-valur taghha fl-2013 kien ta' €9000;[18]
9. Illi r-rikorrent jirrizulta li ghandu fil-pussess tieghu certifikat kontenenti l-informazzjoni kollha dwar il-vettura mahrug mill-Awtoritajiet Taljani;[19]
10. Illi minn Dok PV2 a fol. 133A tal-process jirrizulta illi l-vettura *de quo* giet rilaxxata mill-*compound* tal-Pulizija pero` fuq is-sena hemm dubju x'inhi ghaliex mhix miktuba daqshekk cara;

Illi minn dawn id-dokumenti kollha jirrizulta illi l-vettura in kwisjtoni giet registrata ghall-ewwel darba gewwa l-Italja fl-1992. Jirrizulta wkoll illi xi zmien qabel it-13 ta' Marzu 2009 l-istess vettura giet rilaxxata mill-*compound* tal-Pulizija (ara e-mail tal-istess data a fol.123) u ghalhekk id-data tar-rilaxx imnizzla f'Dok PV2 a fol. 133A jidher li hi zbaljata. Pero` lil hinn minn dan kollu, jibqa' l-kwistjoni dwar meta ghandu jigi stmat il-valur ta' registrazzjoni tal-vettura u cioe` jekk hux dak tas-sena 2000 kif qieghed isostni r-rikorrent, jew dak meta' eventwalment ir-rikorrenti beda l-process biex din tigi registrata, u cioe` fl-2013. Illi ai termini tal-artikolu 9 (2) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta : "*Il-valur ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur użata fil-kategorija M1, motor cycle, quad bike, kwadriċikletta jew vettura classic, vintage jew veteran importata jew miġjuba f'Malta għandu jitqies li jkun il-medja tal-valur tas-suq ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq Malti, u dak il-valur għandu jiġi kalkolat billi jiġi deprezzat il-valur tal-fattura tal-manifattur kif ukoll, meta jkun japplika, l-assigurazzjoni u l-ġarr ta' dik il-vettura importata jew miġjuba f'Malta bħala ġdida jew manifatturata f'Malta hekk kif ikun il-valur fis-suq Malti preżenti:*
***Iżda l-valur fis-suq Malti preżenti għandu jiġi determinat fil-waqt li tiġi imposta t-taxxa fuq il-vettura bil-mutur.***"

Illi jirrizulta illi fit-**8 ta' Awissu 2007** ir-rikorrent gie dirett mill-predecessur tal-Awtorita` intimata, u cioe` l-ADT, sabiex ihallas l-ammont ta' **Lm3220 bhal taxxa ta' registrazzjoni** fuq l-istess vettura. Pero` jirrizulta li r-rikorrent baqa' inerenti ghaliex mix-xhieda tieghu stess, u

[16] Dok GA1 a fol. 93 u 94
[17] Dok 6 a fol. 88
[18] Dok 7 a fol.91
[19] Dok LC6 a fol. 115

mid-dokumenti esebiti, jirrizulta illi t-talba ghar-registrazzjoni tal-istess vettura saret fl-2013. Ghal dan id-dewmien ir-rikorrenti jaghti tort lill-Pulizija, l-ewwel minhabba l-investigazzjoni u sussegwenti proceduri kriminali mehuda fil-konfront tieghu, u wkoll peress li *l-log book* u l-pjanci tal-istess vettura gew mitlufa waqt li dawn kienu fil-pussess tal-Pulizija. Ghalhekk ir-rikorrent isostni illi huwa kien fl-impossibilita` li jirregistra l-vettura mal-Awtorita` intimata qabel l-2013. Illi, pero`, mill-provi rrizulta illi l-Awtorita` intimata taccetta li minflok ma' jigi pprezentat il-*log book* jigi pprezentat l-*export certificate* li jkollu dik l-informazzjoni necessarja bhala numru tax-*chassis,* numru tal-magna u l-mudell tal-vettura. Mill-provi jirrizulta wkoll illi dokument bl-informazzjoni kollha dwar il-vettura hu fil-pussess tar-rikorrent (Dok LC6 a fol. 115). Fir-rigward tal-pjanci gie stabbilit ukoll illi r-rikorrenti jista' jaghmel affidavit fejn jistqarr li dawn huma mitlufa u l-Awtorita` intimata mbaghad tkun tista' tipprocedi bir-registrazzjoni tal-vettura.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-uniku ostakolu li fadal ghar-registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni huwa l-valur taghha ai fini ta' registrazzjoni. Illi jirrizulta illi l-vettura harget mid-Dwana fit-28 ta' Ottubru 1998 meta thallset it-taxxa dovuta. Jirrizulta wkoll illi ftit jiem biss wara, u cioe` fit-2 ta' Novembru 1998, ir-rikorrent kien effettivament biegh l-istess vettura lil terz, pero` gara li fl-istess gurnata kellu incident biha u ghalhekk il-bejgh gie annullat. **Illi mit-2 ta' Novembru 1998 sat-13 ta' Frar 2000** din il-vettura kienet fil-pussess tar-rikorrent, ghalkemm kellha bzonn xi tiswijiet. **Mit-13 ta' Frar 2000 sat-18 ta' Frar 2009** l-istess vettura kienet fil-pussess tal-Pulizija jew taht l-Awtorita` tal-Qorti sakemm eventwalment giet rilaxxata. Illi ghalhekk jirrizulta illi kien hemm zewg perjodi, u cioe` mit-2 ta' Novembru 1998 sat-13 ta' Frar 2000, u mit-18 ta' Frar 2009 sat-18 ta' Gunju 2013, meta r-rikorrent seta' facilment jirregistra l-vettura tieghu. Illi fir-rigward tal-ewwel perjodu msemmi, ir-rikorrent jishaq li hu ma rregistrahiex peress li ma kinitx tajba ghat-triq filwaqt li fir-rigward tat-tieni perjodu jghid li kellu problema biex jottjeni l-*log book* u l-pjanci, liema oggetti qatt ma gew ritornati lilu mill-Pulizija.

Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx mar-rikorrent illi ghaliex il-vettura kienet qieghdha fi process li jsirulha xi tiswijiet fuqha huwa ma rregistrahiex. Il-fatt tar-registrazzjoni m'ghandu xejn jaqsma mal-fatt illi l-vettura ma kinitx se tinsaq. Ir-rikorrent seta' facilment jirregistraha pero` ma jhallasx il-licenzja tat-triq peress li kienet se tkun garaxxjata pendenti t-tiswijiet. Ghalhekk, it-Tribunal ihoss li r-rikorrent m'ghandu jinghata l-ebda koncessjoni sabiex il-valur tar-registrazzjoni tal-vettura jigi meqjus bhala dak tas-sena 2000. Illi jirrizulta wkoll illi minn meta harigha mill-*compound* tal-Pulizija, u cioe fl-2009 sal-2013 lahqu ghaddew cirka hames

snin ohra *entro* liema r-rikorrent rega' naqas milli jirregistra l-istess vettura. Jirrizulta illi ghalkemm ma kienx fil-pussess la tal-*log book* u lanqas tal-pjanci, dawn il-problemi setghu jigu sorvolati kif inghad iktar 'il fuq. Illi ghalhekk it-Tribunal ma jsib l-ebda cirkostanza li biha r-rikorrent jista' jigi gustifikat illi baqa' inerenti ghal snin shah *vis-a-vis* r-registrazzjoni tal-istess vettura. Sfortunatament ghar-rikorrent fejn tidhol taxxa ta' registrazzjoni, din il-vettura partikolari, peress li hija meqjusa bhala wahda rari, il-valur taghha ghola flok naqas, bil-konsegwenza li t-taxxa ta' registrazzjoni hija wahda gholja u sahansitra iktar mill-valur ta' registrazzjoni taghha. Ghaldaqstant, in konformita mal-artikolu 9 tal-Kapitolu 368 il-valur tar-registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni ghandu jkun dak stabbilit fis-sena 2013.

Illi madankollu, it-Tribunal jinnota illi meta l-Awtorita` intimata baghtet id-dettalji tal-vettura in kwisjtoni lis-socjeta` CAP biex jinhadem il-valur ta' registrazzjoni, indikat li l-vettura giet registrata l-ewwel darba fl-1998. Dan huwa fattwalment zbaljat ghaliex mid-dokument esebit a fol. 115 jirrizulta illi kienet giet registrata fl-1992 gewwa l-Italja. Illi ghalhekk jirrizulta li l-valur ta' registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni mahdum mis-socjeta` estera CAP inhadem fuq wiehed mill-fatturi li jaghtu l-valur li kien zbaljat. Ghalhekk l-Awtorita` intimata ghandha terga' titlob il-valur ta' registrazzjoni tal-imsemmija vettura abbazi tal-fatt li din giet registrata fl-1992 u mhux kif indikat minnha fl-1998.

Illi r-rikorrent qieghed jappella wkoll mil-licenzja tat-triq mitluba mill-Awtorita` intimata retroattivament. Illi ai termini tal-artikolu 8 (8) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta *"Id-dritt għal liċenza ta' ċirkolazzjoni għandu jkun dovut fuq il-liċenzjar ta' vettura bil-mutur reġistrata taħt dan l-Att bir-rata speċifikata fir-Raba' Skeda u kull sena wara l-ewwel ħlas."* Illi fil-mori irrizulta illi din il-vettura qatt ma nstaqet fit-triq, hlief forsi ghal xi jiem bejn it-28 ta' Ottubru 1998 u t-2 ta' Novembru 1998. It-Tribunal huwa wkoll tal-fehma illi c-citata disposizzjoni sa issa ghadha ma tapplikax ghall-vettura in kwistjoni stante li ghandha mhix registrata taht l-istess Att. Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-licenzja tat-triq ghandha tkun dovuta minn dak inhar li l-istess vettura tigi registrata regolarment u jinhargulha pjanci ta' registrazzjoni godda u tkun tista' ticcirkola fit-toroq Maltin.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija u fis-sens spjegat iktar 'il fuq qieghed jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 9 ta' Lulju 2013 biex b'hekk l-Awtorita` intimata ghandha terga'

taghmel ezercizzju fil-parametri ta' kif gie spjegat hawn fuq u cioe` li l-valur ta' registrazzjoni ghandu jkun dak ghas-sena 2013 b'dana pero` li jinhadem abbazi tal-fatt li l-ewwel registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni kienet fis-sena 1992.

Il-Qorti qieghdha wkoll tirreovka dik il-parti tad-decizjoni appellata fejn ir-rikorrent intalab ihallas l-ammont ta' elf u mitt ewro (€1100) fis-sena rapprezentanti licenzja tat-triq, liema licenzja ghandha tibda tithallas kif inghad hawn fuq.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

____________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**